**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**26 ta' Frar, 2023**

# IL-KONVERŻJONI

Dari konna nitgħallmu li ħaġa hija dnub u ħafna kienu jippruvaw jgħixu tajjeb billi ma jiksrux il-liġi. Fi żmienna l-affarijiet inbidlu, tant li mhux kulħadd jitkellem mid-dnub u l-ksur tal-liġi t'Alla u tal-bnedmin. Illum għandna l-mentalità ta' li jekk tista' tieħu ċans ħudu.

Alla għamlilna l-liġi mhux biex ixekkilna imma sabiex jekk aħna nagħmlu kif jgħidilna jkollna ferħ kbir. Illum il-ħajja



t-tajba importanti daqs qabel. Ġwanni l-Battista jagħmel appell għall-bidla, "uru frott li jixraq lill-indiema... sigra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar". Ġwanni għamel distinzjoni bejn "il-qamħ li jinġabar fl-imħażen" u "t-tiben li jinħaraq".

Ġwanni kien prattiku u qalilna li meta nikkonvertu, inwettqu affarijiet pożittivi fil-ħajja ta' kuljum: nagħtu l-ħwejjeġ lil min ma għandux, nagħtu ikel lill-fqar, ma nisirqux bil-qerq u nkunu kuntenti bil-paga li jkollna.

San Mark jippreżenta lil Ġesù fil-bidu nett tal-Vanġelu, ilissen l-istedina "s-saltna tas-smewwiet waslet: indmu!" Ġesù jaf li xi drabi l-bniedem ma jindimx, "għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset".

Biex nindmu qabelxejn irridu nirrealizzaw li qegħdin fl-iżball. Kif jgħidilna l-aħħar ktieb tal-Bibbja, l-Apokalissi, "ġib quddiem għajnejk fiex waqajt, indem u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu" (Apok. 2:5).

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**GĦOTI TAD-DEMM**: infakkrukom li llum il-Ħadd 26 ta' Frar mit-8:00am sas-1:00pm tistgħu tmorru tagħtu d-demm fil-Berġa tax-Xewkija.

**L-AVVIŻI:**

**GRUPP TA' TALB TA' PATRI PIJU:** il-laqgħa se ssir it-Tnejn 27 ta' Frar fl-4:30pm fil-kappella tas-Sorijiet. Quddiem Ġesù Espost ngħidu r-Rużarju fejn ninkludu l-intenzjonijiet tal-morda u tas-sejħat li l-Mulej qed jagħmel fil-parroċċa. Wara jkun hemm il-Quddiesa.

**LAQGĦA TAR-ROMOL:** nhar it-Tnejn 27 ta' Frar fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku, fis-6:00pm. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu, fl-4:00pm.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu, fil-knisja. Ejjew niltaqgħu mal-Ħniena ta' Ġesù u nitolbuh għal tant ħtiġijiet fid-dinja.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt, 4 ta' Marzu fit-8:15am bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd huwa mistieden.

**AVVIŻ LIR-REFFIEGĦA U TAL-FORĊINI TAL-ISTATWI FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Ir-reffiegħa u tal-forċini li ta' kull sena jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll oħrajn ġodda li jixtiequ jibdew jieħdu sehem, huma mitluba sabiex jikkuntattjaw rispettivament lil wieħed minn dawn il-membri, sabiex jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom, sal-**Ħadd 19 ta' Marzu, 2023.**

**Il-Vari - Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani, il-Bewsa ta' Ġuda, il-Marbut u l-Inkurunat**
Ikellmu lil Dennis Muscat fuq in-numru 79552445, jew lil Charlie Xuereb fuq in-numru 21552151 jew 99002151

**Il-Vari - iċ-Ċaħda ta' Pietru, Ġesù Redentur, il-Veronika u l-Vara l-Kbira**
Ikellmu lil William Vella fuq in-numru 79284417

**Il-Monument u l-Vara tad-Duluri**
Ikellmu lil Lino Curmi fuq in-numru 79565493

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am